

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 335



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 60

15 ta' Diċembru 2017

Werrej

I Atti leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament (UE) 2017/2305 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda d-Direttiva (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward it-tibdil fir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u fir-riżorsi għall-investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea** 1
- ★ **Regolament (UE) 2017/2306 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 230/2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi** 6

Rettifika

- ★ **Rettifika għar-Regolament (UE) 2017/1566 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi temporanji għall-Ukrajna li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali disponibbli taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (ĠU L 254, 30.9.2017)** 11

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

(Atti leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) 2017/2305 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Diċembru 2017

li jemenda d-Direttiva (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward it-tibdil fir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u fir-riżorsi għall-investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw lill-Komitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni u ġenerali applikabbli għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ⁽³⁾ u l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, fl-2016 il-Kummissjoni rrieżaminat l-allokazzjonijiet totali tal-Istati Membri kollha taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi tal-politika ta' koeżjoni għas-snin 2017 sa 2020.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 u l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak ir-rieżami f'komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-30 ta' Ġunju 2016 dwar l-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għas-sena 2017 f'konformità mal-varjazzjonijiet tal-introjt nazzjonali gross (ING) u mal-aġġustament tal-pakketti għall-politika ta' koeżjoni. Il-Kummissjoni ddikjarat f'dik il-komunikazzjoni li, abbażi tal-istatistika l-aktar riċenti, kien hemm diverġenza kumulattiva ta' aktar minn +/- 5 % bejn l-allokazzjonijiet totali u daww rieżaminati fil-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, in-Netherlands,

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Novembru 2017 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2017.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽³⁾ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li, abbażi tal-ċifri ING per capita tiegħu għall-2012–2014, Ċipru jsir kompletament eliġibbli għal appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni mill-1 ta' Jannar 2017.

- (4) Kif meħtieġ mill-Artikolu 7(4) u (5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 u l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-allokazzjonijiet ta' daww l-Istati Membri għandhom jiġu aġġustati kif meħtieġ, dment li l-effett nett totali ta' daww l-aġġustamenti ma jaqbiżx EUR 4 biljun.
- (5) Safejn ir-reviżjoni kellha impatt fuq it-tqassim annwali tal-allokazzjonijiet għar-riżorsi globali skont l-Istat Membru taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u taħt il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, kif ukoll fuq l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ ("YEI", *Youth Employment Initiative*), ir-reviżjoni għet implimentata permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1941 ⁽¹⁾.
- (6) L-effett nett totali ta' daww l-aġġustamenti huwa li r-riżorsi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali jiżdiedu b'EUR 4 biljun. Dik iż-żieda għandha tiġi riflessa fl-Artikolu 91(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, li għalhekk għandu jiġi aġġustat skont dan.
- (7) Ir-riżorsi għall-mira ta' investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u l-allokazzjoni tagħhom fost reġjuni inqas żviluppati, reġjuni ta' tranżizzjoni u reġjuni aktar żviluppati, l-Istati Membri sostnuti mill-Fond ta' Koeżjoni, u r-reġjuni ultraperiferiċi, kif stipulat fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, jenħtieġu li jiġu aġġustati skont dan.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013, il-marġnijiet li tħallew disponibbli taħt il-limiti massimi għal approprjazzjonijiet ta' impenn tal-qafas finanzjarju pluriennali ("QFP") għandhom jikkostitwixxu Marġini Globali tal-QFP għall-impennji, li għandhom isiru disponibbli barra mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016 sa 2020 għal għanijiet ta' politika marbuta mat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi taż-Żgħażaġħ. Il-limitazzjoni tal-marġnijiet li tħallew disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għal approprjazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2014 sa 2017 tneħħiet permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2017/1123 ⁽²⁾, u b'hekk il-YEI setgħat tiġi estiża sal-2020 u l-allokazzjoni speċifika għall-YEI setgħet tiżdied b'ammont ta' EUR 1,2 biljun fi prezzijiet attwali għall-perjodu 2017-2020. Jenħtieġ għalhekk li l-allokazzjoni speċifika għall-YEI kif stabbilita fl-Artikoli 91(1) u 92(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tiġi aġġustata skont dan.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 94(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-Kummissjoni aċċettat proposta mressqa mid-Danimarka biex tittrasferixxi parti mill-appropriazzjonijiet tagħha għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi. Jenħtieġ li dak it-trasferiment ikun rifless f'aġġustament tar-riżorsi globali disponibbli għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea taħt l-Artikolu 92(9) ta' dak ir-Regolament.
- (10) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013, ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/623 ⁽³⁾ ittrasferixxa għal snin sussegwenti ammont ta' EUR 11 216 187 326 fi prezzijiet kurrenti tal-allokazzjoni pprovduta għall-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni. Jenħtieġ li dak it-trasferiment ikun rifless fl-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li jistipula t-tqassim annwali globali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2014 sal-2020. Barra minn hekk, ammont ta' EUR 9 446 050 652 fi prezzijiet kurrenti tal-allokazzjoni prevista għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd li ma setax jiġi impenjat fis-sena 2014 u lanqas riportat għall-2015 ġie trasferit għas-snin sussegwenti.
- (11) Minħabba l-bżonn li jiġi żgurat li l-allokazzjonijiet addizzjonali li saru disponibbli għas-sena baġitarja 2017 huma impenjati finanzjarjament, inkluż permezz ta' emendi magħmula lill-programmi kkonċernati, tqies li huwa xieraq li ssir eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

⁽¹⁾ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1941 tat-3 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/190/UE li tistabbilixxi t-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni fil-qafas tal-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, it-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi mill-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ, flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli u l-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti mill-allokazzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-Fondi Strutturali ta' kull Stat Membru għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u għall-għajnuna maħsuba għall-persuni l-aktar fil-bżonn, għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 299, 5.11.2016, p. 61).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2017/1123 tal-20 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 163, 24.6.2017, p. 1).

⁽³⁾ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/623 tal-21 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 103, 22.4.2015, p. 1).

- (12) Minħabba l-urġenza li jiġu estiżi l-programmi li jappoġġaw il-YEI, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (13) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għandu għalhekk jiġi emendat,

ADOPTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 91, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali disponibbli għall-impenji tal-baġit għall-perjodu 2014 - 2020 għandhom ikunu EUR 329 978 401 458 fi prezzijiet tal-2011, f'konformità mat-tqassim annwali stabbilit fl-Anness VI, li minnhom EUR 325 938 694 233 jirrappreżentaw ir-riżorsi globali allokat li għall-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni, u EUR 4 039 707 225 jirrappreżentaw allokazzjoni speċifika għall-YEI. Għall-finijiet ta' program-mazzjoni u tal-inklużjoni sussegwenti fil-baġit tal-Unjoni, l-ammont tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għandu jkun indiċizzat għal 2 % kull sena.”;

- (2) l-Artikolu 92 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Ir-riżorsi għall-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi għandhom jammontaw għal 96,09 % tar-riżorsi globali (jiġifieri, total ta' EUR 317 103 114 309) u għandhom jiġu allokat li kif ġej:

- (a) 48,64 % (jiġifieri, total ta' EUR 160 498 028 177) għar-reġjuni anqas żviluppati;
- (b) 10,19 % (jiġifieri, total ta' EUR 33 621 675 154) għar-reġjuni ta' tranżizzjoni;
- (c) 15,43 % (jiġifieri, total ta' EUR 50 914 723 304) għar-reġjuni aktar żviluppati;
- (d) 20,01 % (jiġifieri, total ta' EUR 66 029 882 135) għall-Istati Membri sostnuti mill-Fond ta' Koeżjoni;
- (e) 0,42 % (jiġifieri, total ta' EUR 1 378 882 914) bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u reġjuni tan-NUTS livell 2 li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.”;

- (b) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Ir-riżorsi għall-YEI għandhom jammontaw għal EUR 4 039 707 225 mill-allokazzjoni speċifika għall-YEI u mill-inqas EUR 4 039 707 225 mill-investment immirat tal-FSE.”;

- (c) il-paragrafu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"9. Ir-riżorsi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea għandhom jammontaw għal 2,69 % tar-riżorsi globali disponibbli għall-impenji tal-baġit mill-Fondi għall-perjodu bejn 2014-2020 (jiġifieri total ta' EUR 8 865 148 841).”;

- (3) l-Anness VI huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-12 ta' Diċembru 2017.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

A. TAJANI

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

ANNESS

“ANNESS VI

TQASSIM ANNWALI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN GĦAS-SNIN 2014 SAL-2020

Profil annwali aġġustat (inkluż top-up għall-YEI)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Total
EUR, prezzijiet tal-2011	34 108 069 924	55 725 174 682	46 044 910 736	48 027 317 164	48 240 419 297	48 712 359 314	49 120 150 341	329 978 401 458”

REGOLAMENT (UE) 2017/2306 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Diċembru 2017****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 230/2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209(1) u 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Fid-Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Politika ta' Żvilupp tal-Unjoni Ewropea bl-isem "Il-Kunsens Ewropew" ⁽²⁾, u fid-Dikjarazzjoni konġunta dwar "Il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp" ⁽³⁾, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni għarfu r-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp.
- (2) Fl-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata b'Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015 ġiet issottolinjata l-importanza tal-promozzjoni ta' soċjetajiet paċifiċi u inklussivi kemm bħala Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 16 kif ukoll biex jinkisbu eżiti oħrajn tal-politika ta' żvilupp. L-SDG 16.a jitlob speċifikament li "Jissaħħu l-istituzzjonijiet nazzjonali rilevanti, inkluż permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali, għat-tisħiħ ta' kapaċitajiet fil-livelli kollha, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jipprevjenu l-vjolenza u jiġġieldu t-terroriżmu u l-kriminalità".
- (3) L-oġġettiv ewlieni tal-politika ta' żvilupp tal-Unjoni huwa t-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar.
- (4) Fil-Communiqué tal-Laqgħa ta' Livell Għoli tad-19 ta' Frar 2016, il-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi aġġorna d-direttivi ta' rappurtar tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà. Il-finanzjament tal-azzjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament jikkostitwixxi Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp meta jissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dawk id-direttivi ta' rappurtar jew kwalunkwe direttiva sussegwenti ta' rappurtar li dwarha jkun jista' jaqbel il-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp.
- (5) L-għoti ta' appoġġ lill-atturi tas-settur tas-sigurtà f'pajjiżi terzi, inkluż, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-militar, f'kuntast ta' prevenzjoni ta' konflitti, ġestjoni ta' kriżi jew stabbilizzazzjoni huwa essenzjali biex jiżgura l-kundizzjonijiet xierqa għall-qerda tal-faqar u għall-iżvilupp. Il-governanza tajba, il-kontroll demokratiku effikaċi u s-sorveljanza ċivili tas-sistema ta' sigurtà, inklużi dawk tal-militar, kif ukoll il-konformità mal-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt huma attributi essenzjali ta' Stat li jiffunzjona sew fi kwalunkwe kuntest, u jeħtieġu li jkun promossi permezz ta' appoġġ lil pajjiżi terzi għal riforma usa' tas-settur tas-sigurtà.
- (6) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19-20 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), il-Kunsill Ewropew enfasizza l-importanza ta' appoġġ lil pajjiżi sħab u lil organizzazzjonijiet reġjonali, permezz tal-għoti ta' taħriġ, pariri, tagħmir u riżorsi fejn xieraq, sabiex ikunu jistgħu jipprevjenu jew jiġġestixxu dejjem aktar il-kriżijiet waħedhom.
- (7) Fil-Komunikazzjoni Konġunta tat-28 ta' April 2015 bl-isem "It-tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex jitwieżnu s -sigurtà u l-iżvilupp - L-għoti tas-setgħa lis-sħab sabiex jipprevjenu u jiġġestixxu l-kriżijiet", il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tennew il-bżonn għal soċjetajiet stabbli u sikuri sabiex jinkisbu l-oġġettivi ta' żvilupp.

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Novembru 2017 (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2017.

⁽²⁾ ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1.

- (8) F'konformità mal-Approċċ Komprensiv tal-UE u sabiex jiġu massimizzati l-impatt, l-effiċjenza u l-konsistenza tal-appoġġ tal-UE, il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju 2015 dwar il-PSDK stieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jiżviluppaw, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, qafas strateġiku għall-Unjoni kollha biex tiġi appoġġata r-riforma tas-settur tas-sigurtà. Dak il-kunċett ta' politika jgħaqqad lill-PSDK u l-għodod rilevanti l-oħra kollha tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) kif ukoll strumenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, filwaqt li jirrispetta l-bażijiet ġuridiċi rispettivi tagħhom, l-oġettivi primarji u l-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
- (9) Jenħtieġ li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi militari f'pajjiżi terzi jitwettaq bħala parti mill-politika tal-Unjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, meta din prinċipalment taħdem għal oġettivi fil-qasam tal-iżvilupp u bħala parti mill-PESK tal-Unjoni meta prinċipalment taħdem għal oġettivi fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà, f'konformità mal-Artikolu 40 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ir-Regolament jirrispetta l-applikazzjoni tal-proċeduri u d-daqs tas-setgħat tal-istituzzjonijiet taħt il-politika tal-Unjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-PESK tal-Unjoni.
- (10) L-għajnuna mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament tista' tkopri l-forniment ta' programmi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp, inklużi taħriġ, mentoring u pariri dwar, pereżempju, drittijiet tal-bniedem, il-governanza u l-istat tad-dritt, il-protezzjoni tan-nisa u t-tfal, ir-rispons għall-kriżijiet ċivili, il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-kooperazzjoni teknika.
- (11) Il-Kummissjoni għandha tissorvelja mill-qrib il-miżuri taħt dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat kif dovut, fil-waqt opportun, dwar l-implimentazzjoni tal-għajnuna tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-impatt, l-effikaċja u l-koerenza tal-miżuri skont dan ir-Regolament mal-SDG 16. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tassoċja l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali, fil-fażi tal-evalwazzjoni fejn tiżgura li jaqdu rwol sinifikattiv fil-proċess. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet konġunti ma' Stati Membri. Ir-riżultati għandhom jinfurmaw it-tfassil ta' programmi u l-allokazzjoni ta' riżorsi, u t-tisħiħ ulterjuri tal-konsistenza u l-komplementarjetà tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.
- (12) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, paragrafu 2 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Fejn tingħata għajnuna mill-Unjoni lill-atturi tas-settur tas-sigurtà, din tista' tinkludi wkoll atturi militari f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni kif stipulat fl-Artikolu 3a fil-kuntest ta' proċess ta' riforma usa' tas-settur tas-sigurtà jew fit-tisħiħ ta' kapaċità b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp f'pajjiżi terzi, f'konformità mal-għan ġenerali tal-ksib ta' żvilupp sostenibbli.”;

- (2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 3a

It-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp

1. Biex tikkontribwixxi lejn żvilupp sostenibbli, li jirrikjedi l-kisba ta' soċjetajiet stabbli, paċifiċi u inklussivi, l-għajnuna tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament tista' tintuża biex tibni l-kapaċità ta' atturi militari f'pajjiżi sħab, fiċ-ċirkostanzi ta' eċċezzjoni stabbiliti fil-paragrafu 3, biex jitwettqu attivitajiet ta' żvilupp u sigurtà għal attivitajiet ta' żvilupp.

2. L-għajnuna skont dan l-Artikolu tista' tkopri b'mod partikolari l-forniment ta' programmi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp, inklużi taħriġ, mentoring u pariri, kif ukoll il-forniment ta' tagħmir, titjib tal-infrastruttura u servizzi relatati direttament ma' dik l-għajnuna.

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1).

3. L-ghajjnuna skont dan l-Artikolu għandha tingħata biss:

- (a) fejn ma jkunux jistgħu jiġu sodisfatti rekwiżiti b'rikors għal atturi mhux militari biex adegwatament jintlaħqu għanijiet tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament u jkun hemm theddida serja għall-eżistenza ta' istituzzjonijiet Statali li jiffunzjonaw jew għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istituzzjonijiet Statali ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' dik it-theddida; u
- (b) fejn ikun hemm konsensus bejn il-pajjiż sieħeb ikkonċernat u l-Unjoni li l-atturi militari huma kruċjali għall-preservazzjoni, l-istabbiliment jew l-istabbiliment mill-ġdid tal-kondizzjonijiet essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż fi kriżijiet u f'kuntesti u sitwazzjonijiet fraġli jew destabilizzati.

4. L-ghajjnuna tal-Unjoni skont dan l-Artikolu ma għandhiex tintuża biex jiġi ffinanzjat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' atturi militari għal skopijiet oħra għajr it-tweqqif ta' attivitajiet ta' żvilupp u s-sigurtà għal attivitajiet ta' żvilupp. B'mod partikolari, din ma għandhiex tintuża biex tiffinanzja:

- (a) infiq militari rikorrenti;
- (b) l-akkwist ta' armi u munizzjon, jew kull apparat ieħor imfassal biex jagħti forza letali;
- (c) taħriġ li huwa maħsub biex jikkontribwixxi speċifikament għall-kapaċità ta' ġlied tal-forzi armati.

5. Waqt it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tippromwovi r-responsabbiltà tal-pajjiż sieħeb. Hija għandha tiżviluppa wkoll l-elementi neċessarji u l-prattiki tajbin meħtieġa biex tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-terminu medju u dak twil u għandha tippromwovi l-istat tad-dritt u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali stabbiliti.

6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tar-riskju, monitoraġġ u evalwazzjoni għall-miżuri skont dan l-Artikolu.”;

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-ghajjnuna tal-Unjoni skont l-Artikolu 3, u l-Artikolu 3a skont il-każ, għandha tingħata permezz ta' miżuri ta' ghajjnuna eċċezzjonali u ta' programmi interim ta' reazzjoni.”;

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Id-dokumenti ta' strateġija tematika għandhom jikkostitwixxu l-bażi ġenerali għall-implimentazzjoni tal-ghajjnuna skont l-Artikoli 4 u 5, u l-Artikolu 3a skont il-każ. Id-dokumenti ta' strateġija tematika għandhom jipprovdu qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi jew reġjuni sħab ikkonċernati.”;

(5) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri adottati taħt dan ir-Regolament fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, kif ukoll il-miżuri koperti taħt l-Artikolu 3a, ikunu implimentati skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.”;

(6) fl-Artikolu 13, jiżdied dan il-paragrafu li ġej:

“4. Ammont ulterjuri ta' EUR 100 000 000 għandu jiżdied mal-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 u għandu jiġi allokati għal miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 3a.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-12 ta' Diċembru 2017.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

A. TAJANI

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

Dikjarazzjoni dwar is-sorsi ta' finanzjament ta' miżuri ta' assistenza skont l-Artikolu 3a tar-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp għandu jiġi ffinanzjat fi ħdan l-Intestatura IV tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, prinċipalment permezz ta' riallokazzjonijiet, filwaqt li jiġi ppreservat, kemm jista' jkun possibbli, il-bilanċ finanzjarju fost l-istrumenti kollha. Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali, tali riallokazzjonijiet ma għandhomx jinkludu l-użu ta' approprjazzjonijiet allokati għal miżuri skont ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perijodu 2014-2020.

RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament (UE) 2017/1566 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi temporanji għall-Ukrajna li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali disponibbli taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 254 tat-30 ta' Settembru 2017)

Fil-paġna 7, l-Anness II:

minflok:

“ANNEX II

KWOTI TA' TARIFFA ŻERO GĦALL-PRODOTTI AGRIKOLI MSEMMIJA FIL-PUNT (b) TAL-ARTIKOLU 1(1)

Minkejja r-regoli ta' interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (NM), il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jrid jittqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema preferenzjali jrid jiġi deċiż permezz tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu jeżistu fl-1 ta' Ottubru 2017.

Prodott	Klassifikazzjoni tariffarja	Volum tal-kwota annwali
Qamħ komuni, spelt u taħlita ta' ċereali, dqiq, ċereali mit-hunin ħoxnin, dqiq oħxon u pritkuni	1001 90 99 1101 00 15, 1101 00 90 1102 90 90 1103 11 90, 1103 20 60	65 000 tunnellata/sena
Qamħirrun, minbarra żerriegħa, dqiq, ċereali mitħunin ħoxnin, dqiq mitħun oxhon, pritkuni u hħub	1005 90 00 1102 20 1103 13 1103 20 40 1104 23	625 000 tunnellata/sena
Xgħir, minbarra dak taż-żriġħ, dqiq u pritkuni	1003 90 00 1102 90 10 ex 1103 20 25	325 000 tunnellata/sena

aqra:

“ANNEX II

KWOTI TA' TARIFFA ŻERO GĦALL-PRODOTTI AGRIKOLI MSEMMIJA FIL-PUNT (b) TAL-ARTIKOLU 1(1)

Minkejja r-regoli ta' interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (NM), il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jrid jittqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema preferenzjali jrid jiġi deċiż permezz tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu jeżistu fl-1 ta' Ottubru 2017.

Fejn il-kodiċi tan-NM ikollu qablu 'ex', l-applikazzjoni tal-arranġamenti preferenzjali għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni tal-prodott.

Prodott	Klassifikazzjoni tariffarja	Volum tal-kwota annwali
Qamħ komuni, spelt u taħlita ta' ċereali minbarra żerriegħa	1001 99 00	65 000 tunnellata/sena
Dqiq tal-qamħ komuni u dqiq tal-ispelt	1101 00 15	

Prodott	Klassifikazzjoni tariffarja	Volum tal-kwota annwali
Dqiq tal-meslin	1101 00 90	
Dqiq taċ-ċereali hlief il-qamh, il-meslin, is-segala, il-qamhirrum, ix-xghir, il-hafur, ir-ross	1102 90 90	
Ċereali mitħunin hoxninu biċċiet ta' qamħ komuni u spelt	1103 11 90	
Gerbub tal-qamħ	1103 20 60	
Qamħirrun, minbarra żerriegħa	1005 90 00	625 000 tonnellata/sena
Dqiq tal-qamħirrum	1102 20	
Ċereali mitħunin ħoxnin u biċċiet tal-qamħirrum	1103 13	
Gerbub tal-qamħirrum	1103 20 40	
Ħbub maħdumin tal-qamħirrum	1104 23	
Xgħir, minbarra dak taż-żriġħ	1003 90 00	325 000 tonnella-ta/sena".
Dqiq tax-xgħir	1102 90 10	
Gerbub tax-xgħir	ex 1103 20 25	

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT